MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2014

Avviz Numru. 141/2012

**Alexander Grima**

**vs**

**Jonathan Galea**

Il-Qorti

Rat ir-rikors intavolat mir-rikorrent a tenur ta' l-Artikolu 166A (5) tal-Kap 12 tal-ligjiet fejn ir-rikorrenti, filwaqt illi ghamel referenza ghall-ittra ufficjaji ippresentat mill-intimat Jonathan Galea kontra tieghu u huh, Dominic Galea fil 25 ta' Ottubru 2011, u il-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv 7/12 mahrug mill-istess Jonathan Galea wara li l-Ittra Ufficjali giet reza ezekuttiva fit 2 ta' Dicembru 2011, talab il-Qorti sabiex it-titolu ezekuttiv jigi rexiss u dikjarat null u bla effett.

Ir-rikorrent sahaq illi, ghalkemm kien minnu illi kien hemm self mill-intimat lir-rikorrent, l-ammont kien izghar minn dak indikat fl-Ittra Ufficjali u ghalhekk huwa car illi d-dejn mitlub ma huwiex cert, likwidu u li ghalaq, liema element huwa wiehed mill-elementi essenzjai mehtiega fl-Artikolu 166A (1) tal-Kap 12.

Ghalhekk ir-rikorrent talab lill-Qorti sabiex thassar, tirrevoka u tiddikjara null u bla effett l-ittra ufficjali mibghuta lilu fil 25 ta' Ottubru 2011 u tawtorizza l-hrug ta' kontro mandat ghall-Mandat fuq imsemmi.

Semghet ix-xhieda ta' **Alexander Grima** moghtija fis 26 ta' Ottubru 2012, fit 18 ta' Jannar 2013, fit 8 ta' Lulju 2013 u fl-14 ta' April 2014 kif ukoll dokumentazzjoni minnu ppresentata.

Semghet ix-xhieda ta' **Josianne Bugeja** moghtija fit 18 ta' Marzu 2013.

Semghet ix-xhieda ta' **Jonathan Galea** mogthija fis 17 ta' Mejju 2013, fit 8 ta' Lulju 2013 u fl-14 ta' April 2014.

Rat l-affidavit ta' Jonathan Galea ippresentat fil 21 ta' Frar 2014.

Rat illi fl-14 ta' April 2014 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fis 26 ta' Mejju 2014, wara liema data il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta mill-provi prodotti illi l-partijiet kellhom relazzjoni vicina bejniethom u kienu hbieb sew sakemm eventwalment ir-relazzjoni ta' bejniethom spiccat u ma baqghetx wahda tajba.

Jirrizulta illi f'certa zmien,, Alexander Grima kellu l-kontijiet bankarji tieghu iffrizati in vista ta' Mandat ta' Sekwestru mahrug kontrieh u ghalhekk huwa kien qieghed jaghmel uzu mill-kont bankarji ta' huh, Dominic Grima.

Jirrizulta illi, mument minnhom, ir-rikorrent kien talab ghal xi flus minghand l-intimat u di fatti, permezz ta' zewgt pagamenti illi gew iddepositati fil-kont ta' Dominic Grima, huwa ghadda lill-Alexander Grima is-somma ta' erbat elef u hames mitt Euro.

Jirrizulta illi, wara illi r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet, l-intimat beda jinsisti illi jithallas lura il-flejjes minnu mghoddija u, fil 25 ta' Ottubru 2011, intavola Ittra Ufficjali Nru 3521/11 kontra Dominic Grima u Alexander Grima ghal hlas ta' erbat elef u hames mitt Euro (€4,500), liema Ittra Ufficjali hija meritu tal-kawza odjerna.

Jirrizulta illi sussegwentement, wara illi l-Ittra Ufficjali kienet giet notifikata u ghadda it-terminu stabbilit fil-Ligi, fit-2 ta' Dicembru 2011, l-Ittra Ufficjali giet reza ezekuttiva u fit-3 ta' Jannar 2012 gie ippresentat Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru 7/12, liema Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv gie notifikat lir-rikorrent meta huwa ta' ruhu notifikat bih kontemporanjament mal-ppresentata tar-rikors odjern.

**Ikkunsidrat**

L-eccezzjoni imressqa mir-rikorrent ghall-Ittra Ufficjali 3521/11 hija li d-dejn ma kienx wiehed cert, likwidu u li ghalaq, u ghalhekk l-Ittra Ufficjali qatt ma setghet tigi reza ezekuttiva.

Il-Qorti ghalhekk obbligata illi tevalwa it-talba indikata fl-Ittra Ufficjali fid-dawl tax-xhieda moghtija quddiemha, sabiex jigi ikkunsidrat jekk tali dejn kif mitlub huwiex attwalment cert u dovut jew le.

Mill-provi prodotti mir-rikorrent, jirrizulta ppruvat illi l-intimat ghamel zewgt pagamenti fl-14 u 28 ta' Settembru 2010 fl-import ta' elfejn u disgha mitt Euro (€2,900) u elf u sitt mitt Euro (€1,600), total ta' erbat elef u hames mitt Euro (€4,500).

Jirrizulta mix-xhieda tal-partijiet, partikolarment dik ta' l-intimat stess, illi saru xi pagamenti lill-intimat minn tali somma mghoddija u, ghalkemm ir-rikorrent sahaq illi saru hafna pagamenti lill-intimat, l-intimat stqarr illi kien ircieva zewgt pagamenti biss fl-import t-totali ta' hames mija u hamsin Euro (€550), liema somma kellha titnaqqas mill-flejjes minnu mislufa lir-rikorrent u miltuba fl-Ittra Ufficjali.

Tali fatt, minn inniffsu, gia juri illi d-dejn illi l-intimat ikkonfermat bil-gurament tieghu meta ppresenta l-Ittra Ufficjali 3521/11, ma kienx kollu dovut.

Madanakollu, l-istess intimat, illi fid-diversi okkazzjonijiet tax-xhieda tieghu, ma kienx konsistenti fix-xhieda tieghu, eventwalment, fl-affidavit tieghu jikkonferma illi d-dejn minnu miltub originalment ma kienx dovut.

Jirrizulta, in fatti, illi, kif sahaq l-intimat fl-affidavit tieghu:

> *"jiena nerga ntenni bil-qawwa kollha u nikkonferma illi l-ammont komplessiv li hu dovut lili hu dak ta'* ***tliet elef, seba' mija disgha u tmenin euro (€3,789)*** *bl-imghax mill-25 ta' Ottubru 2011 kif ukoll l-ispejjez tal-ittra ufficjali datata 25 ta' Ottubru 2011."*

Din ix-xhieda waheda hija sufficjenti biex turi bl-aktar mod car u inekwivoku illi d-dejn indikat fl-Ittra Ufficjali fl-ammont ta' erbat elef u hames mitt euro (€4,500) ma kienx wiehed "cert, likwidu u li ghalaq" kif timponi l-Artikolu 166A (1) tal-Kap 12.

**Ghaldaqstant,**

Wara illi semghet il-provi kollha prodotti u semghet ix-xhieda tal-partijiet,

Wara illi semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet

Il-Qorti taqta u tiddeciedi billi

**Tilqa** t-talba dedotta u ghalhekk

**Thassar**, tirrevoka u tiddikjara null u bla effett l-ittra ufficjali mibghuta lilu fil 25 ta' Ottubru 2011 Nru 3521/11 u

**Tawtorizza** l-hrug ta' kontro mandat ghall-Mandat ta' Sekwestru Ezekuttiv Nru 7/12 ippresentat fit 3 ta' Jannar 2012.

Spejjez tal-proceduri odjerni jibqu bl-taxxa bejn il-partijiet

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------